Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,697, 29 ta' Jannar, 1980.

Taqsima A

MALTA

ATT Nru. II ta' 1-1980

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jirregola l-ġarr ta' merkanzija bil-Baħar għal u minn Malta.

ACT No. II of 1980

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to regulate the carriage of goods by Sea to and from Malta.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ANTON BUTTIGIEG
President

29 ta' Jannar, 1980

ATT Nru. II ta' l-1980

ATT biex jirregola l-ġarr ta' merkanzija bil-Baħar għal u minn Malta.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1980 li Jirregola l-Ġarr ta' Merkanzija bil-Baħar.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"linja ta' bastimenti" tinkludi *liner conference.*

"merkanzija" tinkludi merkanzija ta' kull deskrizzjoni;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-portijiet u sal-limitu ta' l-awtorità mogħtija, tinkludi kull persuna awtorizzata mill-imsemmi Ministru għal hekk;

"port" tfisser kull post fejn il-merkanzija titgħabba fuq bastiment jew tinħatt minnu.

Il-ġarr ta' merkanzija għal u minn Malta hu regolat.

3. (1) Meta dwar il-ġarr ta' merkanzija bil-baħar għal jew minn Malta minn jew għal port f'xi pajjiż ieħor il-Ministru, ikun b'ordni fil-Gazzetta, ipprovda li ebda ġarr bħal dak li ntqal qabel ma jista' jsir ħlief bil-permess tiegħu, ebda merkanzija li tinġarr jew li hi maħsuba li tinġarr bil-baħar minn jew għal Malta minn jew għal port f'xi pajjiż ieħor li għalih japplika ordni kif intqal qabel ma għandha titgħabba jew tinħatt f'Malta kemm-il darba dik it-tagħbija jew dak il-ħatt ma jkunx permess mill-Ministru u ħlief skond il-permess tal-Ministru u kull kondizzjonijiet jew disposizzjonijiet oħra li jkunu jinsabu fih.

(2) Meta dwar il-ġarr ta' merkanzija bil-baħar għal jew minn Malta minn jew għal port f'xi pajjiż ieħor ikun hemm fis-seħħ ftehim sabiex jinqasam il-ġarr ta' dik il-merkanzija bejn linji ta' bastimenti, u dak il-ftehim ikun ġie approvat mill-Ministru għall-finijiet

ta' dan l-Att, dik l-approvazzjoni, u kull kondizzjoni jew disposizzjoni oħra tagħha għandu jkollhom l-effett ta' permess mogħti taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u, bla ħsara għal kull kondizzjoni jew disposizzjoni oħra li jkun hemm fl-approvazzjoni tal-Ministru, id-disposizzjonijiet tal-ftehim ikollhom l-istess effett daqslikieku kienu disposizzjonijiet tal-permess tal-Ministru.

(3) Il-permess jew l-approvazzjoni tal-Ministru taħt wieħed mis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu jistgħu jingħataw b'dak il-mezz u b'dak il-mod jew forma li l-Ministru jidhirlu xierqa, u jistgħu jkunu ġenerali, speċifiċi jew applikabbli għal klassi jew klassijiet ta' każijiet.

Il-permess jew l-approvazzjoni tal-Ministru jkunu pubblikati.

4. Meta l-Ministru jkun ta permess taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att jew ikun approva ftehim taħt is-subartikolu (2) ta' dak l-artikolu, il-Ministru għandu, b'avviż fil-Gazzetta, jew fl-ordni jew regolament li jkun fih dak il-permess jew l-approvazzjoni jew li jipprovdi għalihom, jagħti dak it-tagħrif dwar il-permess jew il-ftehim, magħduda l-pajjiżi, il-bastimenti u l-linji ta' bastimenti milquta bih, kif ikun xieraq fiċ-ċirkostanzi.

Stqarrija mill-Ministru tkun prova konklużiva.

5. Stqarrija ffirmata mill-Ministru li tgħid li merkanzija tista' jew ma tistax titgħabba fuq jew tinħatt minn bastiment speċifikat, jew bastiment ta' linja ta' bastimenti speċifikata, tkun prova konklużiva ta' dak li jkun fiha.

Setgħa tad-Direttur tal-Portijiet.

6. Id-Direttur tal-Portijiet ikollu s-setgħa li jirrifjuta d-dħul f'kull port f'Malta jew il-ħruġ minnu jekk ikollu raġuni tajba li jaħseb li disposizzjoni ta' dan l-Att tkun ġiet miksura jew x'aktarx tinkiser dwar dak il-bastiment jew il-merkanzija tiegħu.

Regolamenti.

7. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti sabiex jagħti effett lid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u, bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, sabiex —

(a) jeżenta merkanzija mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att,

(b) jipprovdi għal dak li hi inċidentali jew supplimentari għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

Reati u pieni.

8. Persuna li tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att jew xi ordni jew regolament magħmul taħt dan l-Att tkun ħatja ta' reat u teħel għal kull reat meta tinsab ħatja multa ta' mhux inqas minn ħamsin lira u mhux iżjed minn ħamest elef lira; u kull merkanzija li titgħabba jew tinħatt bi ksur ta' xi waħda minn dawk id-disposizzjonijiet tiġi konfiskata favur il-Gvern.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 349 tat-28 ta' Jannar, 1980.

C. AGIUS
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati